Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0067

Approċċi ta’ ġestjoni tas-sajd għas-salvagwardja tal-ispeċijiet sensittivi, għall-indirizzar tal-ispeċijiet invażivi u għall-benefiċċju tal-ekonomiji lokali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Marzu 2026 dwar l-approċċi ta’ ġestjoni tas-sajd għas-salvagwardja tal-ispeċijiet sensittivi, għall-indirizzar tal-ispeċijiet invażivi u għall-benefiċċju tal-ekonomiji lokali (2025/2011(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b’mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE[1] (Ir-Regolament PKS),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta’ speċijiet aljeni invażivi (Ir-Regolament IAS)[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1007/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar il-kummerċ tal-prodotti mill-foki[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta’ Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll

---

1 ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.
2 ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1143/oj.
3 ĠU L 286, 31.10.2009, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1007/oj.

għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006[4] (Ir-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005[5],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/2842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 u (KE) Nru 1005/2008 u r-Regolamenti (UE) 2016/1139, (UE) 2017/2403 u (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd[6],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869[7],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa[8] (Id-Direttiva dwar il-Ħabitats),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni

---

4 ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.

5 ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj.

6 ĠU L, 2023/2842, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2842/oj.

7 ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj.

8 ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj.

komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)[9],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi[10] (Id-Direttiva dwar l-Għasafar),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna[11],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2023 bit-titolu "Lejn settur tal-algi tal-UE b'saħħtu u sostenibbli"[12],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-prospettivi futuri[13],

– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-SDG 14: Ħajja taħt l-ilma, SDG 15: Ħajja fuq l-art, SDG 1: Inxejnu l-faqar, SDG 2: Inxejnu l-ġuħ u SDG 11: Bliet u komunitajiet sostenibbli,

– wara li kkunsidra l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal;

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Kontroll u l-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra u tas-Sedimenti tal-Bastimenti,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0018/2026),

A. billi l-UE ilha tirrikonoxxi l-importanza ta' approċċi sostenibbli fil-qasam tas-sajd u bbażati fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd li jippreservaw il-bijodiversità tal-baħar, inkluż billi jipproteġu speċijiet sensittivi, jappoġġjaw l-ekonomiji lokali u jiżguraw is-sigurtà alimentari u s-sistemi sostenibbli alimentari;

B. billi l-UE implimentat diversi oqfsa regolatorji għall-irkupru u għall-protezzjoni ta' speċijiet vulnerabbli tal-baħar;

---

9 ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj.

10 ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj.

11 ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.

12 ĠU C, C/2023/1074, 15.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1074/oj.

13 ĠU C, C/2024/5734, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5734/oj.

C. billi l-UE tintegra l-protezzjoni u l-irkupru ta’ speċijiet sensittivi f’oqfsa legali oħra, bħar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd rivedut reċentement, u tiżgura approċċ komprensiv biex tinġabar data li se tintuża fil-konservazzjoni ta’ speċijiet sensittivi;

D. billi l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) tippubblika l-Lista l-Ħamra, inventarju komprensiv tal-istat tal-konservazzjoni tal-ispeċijiet, u dan l-inventarju jipprovdi informazzjoni kritika dwar is-sitwazzjoni delikata tal-ispeċijiet sensittivi tal-baħar u jenfasizza l-isforzi ta’ konservazzjoni meħtieġa;

E. billi l-qabda aċċessorja ta’ speċijiet sensittivi tirrappreżenta theddida kbira għall-bijodiversità tal-baħar, kif rikonoxxut mill-konvenzjonijiet internazzjonali u reġjonali u mil-leġiżlazzjoni tal-UE;

F. billi l-għasafar tal-baħar huma wieħed mill-indikaturi tas-saħħa tal-ekosistemi tal-baħar, minħabba r-rwol tagħhom bħala predaturi ewlenija fil-katina alimentari tal-baħar;

G. billi l-partijiet ikkonċernati qed jaħdmu flimkien f’diversi proġetti biex jippruvaw metodi u rkaptu ta’ ġestjoni ġodda bil-għan li jnaqqsu l-livell tal-qabdiet aċċessorji u inċidentali ta’ speċijiet sensittivi matul l-operazzjonijiet tas-sajd;

H. billi d-data ppubblikata fl-2025 mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent[14] uriet li ż-żoni tal-baħar protetti (MPAs) koprew 13,7 % tal-ilmijiet tal-UE;

I. billi l-portal tas-servizzi tal-Missjoni Oċeani u Ilmijiet tal-Kummissjoni[15] jirrapporta dwar studju li jindika li, fl-2023, is-sajd ġie awtorizzat f’aktar minn 40 % taż-żoni tal-baħar protetti, ġie ristrett f’anqas minn 25 % u pprojbit b’mod espliċitu f’0,4 % biss;

J. billi l-ispeċijiet aljeni invażivi (IAS) huma wieħed mill-muturi tat-telfien tal-bijodiversità, għandhom impatti negattivi fuq is-sajd, l-akkwakultura u l-funzjonijiet tal-ekosistema, u jistgħu jkunu ta’ detriment għas-saħħa tal-bniedem, għall-infrastruttura u għall-bijosigurtà;

K. billi l-akkwakultura ta’ speċijiet mhux indiġeni b’miżuri ta’ kontroll limitati toħloq riskju, peress li l-ispeċi tista’ potenzjalment taħrab u

---

14 L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, “Marine protected areas in Europe’s seas” (Iż-żoni tal-baħar protetti fl-ibħra tal-Ewropa), is-sit web tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent – Analiżi u data – Indikaturi, 6 ta’ Novembru 2025.

15 Il-Kummissjoni Ewropea, “Study on regulations in EU Marine Protected Areas: insights and implications’, Mission Ocean and Waters service portal (Studju dwar ir-regolamenti fiż-żoni tal-baħar protetti tal-UE: għarfien u implikazzjonijiet), is-sit web tal-portal tas-servizz tal-Missjoni Oċeani u Ilmijiet.

ssir invażiva, u dan joħloq theddida għall-ispeċijiet selvaġġi indiġeni u għall-ambjent;

L. billi l-UE adottat diversi miżuri biex tevita l-introduzzjoni ta' speċijiet aljeni invażivi u biex jitwettqu d-detezzjoni u l-immappjar tad-distribuzzjoni tagħhom u biex tindirizza t-tixrid tagħhom, inkluż, b'mod partikolari, ir-Regolament IAS, li jistabbilixxi lista ta' "l-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni" u jinforza miżuri ta' kontroll;

M. billi f'konformità mar-Regolament IAS, l-ispeċijiet aljeni invażivi huma dawk l-ispeċijiet li l-effetti negattivi tagħhom huma tant sinifikanti li jirrikjedu intervent ikkoordinat u uniformi fil-livell tal-UE, u għalhekk huwa pprojbit li jiġu introdotti, miżmuma, imnissla u kkultivati, ittrasportati jew ikkummerċjalizzati, jew li jiġu ttrasferiti jew rilaxxati liberament fl-ambjent naturali;

N. billi wieħed mid-deskritturi kwalitattivi biex jiġi determinat stat ta' ambjent tajjeb, kif elenkat fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, huwa li l-ispeċijiet mhux indiġeni introdotti mill-attivitajiet tal-bniedem jinżammu f'livelli li ma jbiddlux b'mod negattiv l-ekosistemi;

O. billi l-ġbir xieraq u f'waqtu tad-data huwa ta' importanza kbira sabiex jiġi żgurat li titwettaq id-detezzjoni tal-ispeċijiet aljeni invażivi u biex tiġi mmappjata d-distribuzzjoni tagħhom, kif ukoll biex jiġu stabbiliti u implimentati miżuri bil-għan li jiġi miġġieled it-tixrid ta' dawn l-ispeċijiet bl-aktar mod immirat u effettiv possibbli;

P. billi attivitajiet differenti, bħat-trasport marittimu jew it-turiżmu, jitqiesu bħala vetturi importanti tat-tixrid tal-ispeċijiet aljeni invażivi, speċifikament skont il-livelli tal-miżuri ta' mitigazzjoni u l-viġilanza applikata;

Q. billi l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità impenjat ruħha li tiġġestjona l-ispeċijiet aljeni invażivi stabbiliti u tnaqqas l-għadd ta' speċijiet tal-Lista l-Ħamra li qed jheddu b'50 % sal-2030;

R. billi n-Network Ewropew ta' Informazzjoni dwar l-Ispeċijiet Aljeni (EASIN) bħalissa jimmonitorja 12 423 speċi aljena f'diversi ambjenti, li minnhom 1 440 (11,6 %) huma speċijiet tal-baħar; billi sa mill-2019, 53 % tax-xtut tal-baħar tal-Ewropa qegħdin taħt pressjoni mill-ispeċijiet aljeni invażivi, b'varjazzjoni reġjonali sinifikanti – 33 % tal-kosta tal-Baħar Baltiku, 100 % tal-Baħar l-Iswed, 98 % fil-Baħar Mediterran u 25 % tal-Oċean Atlantiku tal-Grigal;

S. billi t-tibdil fil-klima, speċjalment it-tisħin tal-oċeani, u ż-żieda fil-moviment tal-merkanzija u tal-persuni huma vetturi ewlenin għall-introduzzjoni tal-ispeċijiet aljeni invażivi u jistgħu jintensifikaw l-impatt tagħhom fuq speċijiet sensittivi, fuq ekosistemi u, konsegwentement, fuq attivitajiet tas-sajd;

T. billi t-tixrid rampanti tal-ispeċijiet aljeni invażivi tikkawża ħsara sostanzjali lis-sajd u lill-akkwakultura, kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul, inkluża ħsara lill-irkaptu tas-sajd jew lill-infrastruttura tal-akkwakultura, tnaqqis fil-qabdiet, tnaqqis fir-reklutaġġ u fil-produttività naturali, u tfixkil fl-ekosistemi, u dawn kollha kemm huma jheddu l-bilanċ ekoloġiku u l-vijabbiltà ekonomika tal-komunitajiet tas-sajd;

U. billi l-ispeċijiet aljeni invażivi, inklużi l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet predaturi aljeni, jheddu mhux biss il-bilanċ ekoloġiku iżda wkoll il-vijabbiltà soċjali u ekonomika tal-komunitajiet tas-sajd kostali, b'mod partikolari s-sajd u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju tal-akkwakultura;

V. billi meta jittieħed approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd u għall-ippjanar u l-ġestjoni spazjali fl-akkwakultura, dan jista' jtejjeb ir-reżiljenza taż-żewġ setturi u l-kapaċità tagħhom li jadattaw, b'mod partikolari fil-livell lokali;

W. billi r-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, kif rikonoxxuti mill-Artikolu 349 tat-TFUE, jiffaċċjaw sfidi u opportunitajiet uniċi fil-kuntest tal-ġestjoni tas-sajd, tal-konservazzjoni ta' speċijiet sensittivi u tal-prevenzjoni ta' speċijiet invażivi; billi l-indikaturi wżati biex jitkejjel il-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd jeħtieġ li jitfasslu skont iċ-ċirkostanzi lokali, filwaqt li jitqiesu l-qagħda mbiegħda ġeografika tagħhom, ir-rikkezza u l-uniċità tal-bijodiversità tagħhom, l-ispeċifiċitajiet soċjali u ekonomiċi tagħhom, u r-rwol kritiku tas-settur tas-sajd lokali biex jiżgura s-sigurtà alimentari u biex jappoġġja l-ekonomija ta' dawn ir-reġjuni;

X. billi l-indirizzar tal-ispeċijiet aljeni invażivi jirrikjedi wkoll azzjoni internazzjonali b'saħħitha; billi l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tirrikonoxxi l-ispeċijiet aljeni invażivi bħala kwistjoni trasversali, u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal għandu l-għan li jnaqqas li jiġu introdotti u stabbiliti speċijiet aljeni invażivi b'mill-anqas 50 % sal-2030;

Y. billi l-isforzi għall-protezzjoni tal-ambjent iridu jkunu akkumpanjati minn miżuri li jsaħħu l-kompetittività tal-flotta tas-sajd Ewropea, jiżguraw il-vijabbiltà ekonomika tas-settur u jiżguraw it-tiġdid ġenerazzjonali fil-komunitajiet kostali;

Z. billi t-tixrid ta' speċijiet invażivi u żieda fil-popolazzjonijiet tal-predaturi f'xi reġjuni għandhom impatti fuq l-ekosistema u fuq is-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, b'operazzjonijiet kostali fuq skala żgħira li huma partikolarment vulnerabbli;

AA. billi matul konsultazzjoni pubblika organizzata mill-Kummissjoni, 94 % tar-rispondenti kollha indikaw li kienu kontra jew ferm kontra t-tqegħid fis-suq ta' prodotti mill-foki, u rrifjutaw tali miżura bħala

miżura ta’ ġestjoni tas-sajd; billi 89 % tar-rispondenti indikaw li l-kaċċa għall-foki tqajjem tħassib morali sinifikanti[16];

AB. billi l-Eurostat iżomm bażi ta’ data komprensiva ta’ data fit-tul dwar il-qabdiet tas-sajd, u din tipprovdi għarfien siewi li jista’ jinforma l-iżvilupp ta’ strateġiji effettivi għall-ġestjoni tas-sajd u għall-valutazzjoni ta’ speċijiet sensittivi u jista’ jikkontribwixxi għal sistemi ta’ twissija bikrija għall-ispeċijiet aljeni;

AC. billi strumenti bħal miżuri effettivi oħra ta’ konservazzjoni bbażati fuq iż-żona (OECMs) jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-isforzi ta’ konservazzjoni u ta’ ġestjoni;

AD. billi ma hemm l-ebda standard dirett tal-UE dwar l-ilma tas-saborra; billi r-regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u tat-tixrid tal-ispeċijiet aljeni invażivi jirrikonoxxu l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Kontroll u l-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra u tas-Sedimenti tal-Bastimenti bħala waħda mill-miżuri possibbli għall-ġestjoni ta’ speċijiet invażivi ta’ tħassib;

L-ispeċijiet sensittivi: l-indikaturi tar-reżiljenza għall-oċeani

1. Jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati ekosistemi, ħabitats u speċijiet tal-baħar b’saħħithom fl-UE;

2. Jenfasizza r-rwol uniku li jaqdu l-ispeċijiet sensittivi fl-ekosistemi tal-baħar u l-benefiċċji għall-ambjent, għall-ekonomija u għas-soċjetà li jirriżultaw mill-ġestjoni, mill-konservazzjoni u mill-protezzjoni tagħhom;

3. Jisħaq li ħafna speċijiet sensittivi huma indikaturi siewja tas-saħħa tal-ekosistemi tal-baħar, jipprovdu twissija bikrija tal-iżbilanċi ekoloġiċi u jikkontribwixxu għar-reżiljenza tal-ekosistema, b’impatt dirett fuq il-produttività tas-sajd u tal-akkwakultura;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd flimkien ma’ approċċi li jiffukaw fuq il-konservazzjoni ta’ speċijiet sensittivi, filwaqt li jappoġġjaw il-prosperità ekonomika u soċjali tas-sajjieda, kif ukoll jiżguraw it-twettiq tal-għanijiet u tal-impenji internazzjonali tal-UE dwar iż-żoni tal-baħar protetti u ż-żoni ta’ importanza kbira għall-bijodiversità;

---

16 Il-Kummissjoni Ewropea, “Trade in seal products – fitness check of EU rules” (Il-kummerċ tal-prodotti mill-foki – kontroll tal-idoneità tar-regoli tal-UE), is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea.

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-bidliet fl-ekosistemi kkawżati mit-tibdil fil-klima jiġu riflessi b'mod konsistenti fil-valutazzjonijiet tal-ambjent u fil-ġestjoni tas-sajd;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu, u fejn possibbli jeliminaw, qabdiet inċidentali ta' speċijiet tal-baħar sensittivi, f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1241, filwaqt li jiżguraw li tali qabdiet ma jirrappreżentawx theddida għall-istat tal-konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet;

7. Jissottolinja li, matul l-aħħar deċennji, il-ħabitats inbidlu, u dan wassal għall-għajbien ta' xi speċijiet filwaqt li ppermetta l-wasla ta' oħrajn ġodda; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li tiżdied is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini, u b'mod partikolari tas-sajjieda u tas-sajjieda bil-qasba, dwar l-importanza tal-ġbir tad-data u l-ħtieġa ta' ġestjoni adattiva;

8. Jisħaq fuq l-importanza ta' pjanijiet ta' ġestjoni taż-żoni tal-baħar protetti bbażati fuq ix-xjenza, inklużi d-dimensjonijiet u l-eżiti tal-ambjent, tas-soċjetà u tal-ekonomija tagħhom, biex jiġi żgurat li l-miżuri ta' konservazzjoni jkunu mmirati, effettivi u allinjati mal-ħtiġijiet speċifiċi għall-ekosistema u li l-implimentazzjoni tagħhom tkun effettiva; jenfasizza l-mira tal-UE li tipproteġi 30 % tal-ibħra tal-UE sal-2030;

9. Ifakkar li s-sajjieda jeħtiġilhom ikunu parti integrali tas-soluzzjoni u jkunu rappreżentati fil-korpi kollha tal-konsulenza, u jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li tiġi żgurata r-rappreżentanza tas-sajjieda kollha, speċjalment dawk fuq skala żgħira u artiġġjanali; jinsab imħasseb li r-rappreżentanza tagħhom mhux dejjem tkun żgurata b'mod adegwat;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-għodod tal-politika komuni tas-sajd (PKS), b'mod partikolari miżuri tekniċi biex jindirizzaw l-interazzjonijiet tas-sajd u jtejbu l-protezzjoni ta' speċijiet sensittivi, filwaqt li jiżguraw kumpens ġust u effettiv għas-sajjieda affettwati mit-telf ta' aċċess għal żoni tas-sajd tradizzjonali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-leġiżlazzjoni attwali ti[i implimentata u infurzata;

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mid-dispożizzjonijiet minquxa fl-Artikolu 17 tar-Regolament PKS meta jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd, jinċentivaw lis-sajjieda jadottaw miżuri biex jimminimizzaw jew jeliminaw il-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet sensittivi u jipprovdu inċentivi lill-bastimenti tas-sajd li jużaw irkaptu tas-sajd selettiv jew li jużaw tekniki tas-sajd b'impatt imnaqqas fuq l-ambjent, b'attenzjoni speċjali għall-flotot fuq skala żgħira;

12. Ifakkar fl-importanza tad-data miġbura fl-ambitu tal-PKS biex jiġi identifikat b'mod xieraq l-impatt tas-sajd fuq speċijiet sensittivi u l-importanza ta' sistemi ta' monitoraġġ imtejba, f'konformità mal-parir xjentifiku u mal-leġiżlazzjoni tal-UE; jissottolinja l-importanza ta' data komprensiva u speċifika għall-ispeċi dwar il-qabdiet aċċessorji biex tippermetti miżuri ta' mitigazzjoni mmirati, tinforma l-istrateġiji ta' ġestjoni adattivi u tiffaċilita l-adozzjoni ta' miżuri bbilanċjati u mmexxija mix-xjenza li jqisu wkoll il-fatturi soċjoekonomiċi u jiżguraw is-sigurtà alimentari tal-UE;

13. Jenfasizza l-importanza li approċċ olistiku fl-oqsma tal-politika kollha jista' jikkontribwixxi biex jissaħħu l-monitoraġġ, il-protezzjoni, ir-restawr u l-irkupru ta' speċijiet u ħabitats sensittivi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li l-leġiżlazzjoni attwali tiġi implimentata fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha, u dan jestendi lil hinn minn dawk direttament relatati mal-PKS;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-approċċi bbażati fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tal-ambjent tal-baħar, filwaqt li jqisu l-interazzjonijiet tal-ispeċijiet, fejn possibbli, u jqisu l-pressjonijiet kollha fuq l-ekosistemi tal-baħar, inklużi t-tibdil fil-klima u t-tniġġis, kemm jekk ibbażati fuq l-art kif ukoll minn sorsi oħra;

15. Jenfasizza li ż-żoni tal-baħar protetti u ġestiti b'mod effettiv abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli, jikkontribwixxu, skont l-objettivi ta' konservazzjoni tagħhom, biex jimminimizzaw il-qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi, jipproteġu ż-żoni ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir tal-ħut u l-frieħ tal-ħut, u jnaqqsu l-impatti fuq ħabitats sensittivi;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw id-daqs tal-popolazzjoni reġjonali u lokali, l-istat u x-xejriet tal-ispeċijiet u l-impatti potenzjali li l-popolazzjonijiet żbilanċjati jista' jkollhom fuq l-attivitajiet tas-sajd, biex tiġi żgurata ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-ekosistema, inklużi miżuri għall-protezzjoni ta' speċijiet sensittivi;

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-programmi xjentifiċi dwar speċijiet sensittivi u approċċi ta' ġestjoni, kif identifikati fil-leġiżlazzjoni rilevanti; jenfasizza l-fatt li, f'xi reġjuni, speċijiet sensittivi, bħal popolazzjonijiet dejjem akbar ta' marguni u foki, qed ikollhom impatti fuq l-istokkijiet tal-ħut u fuq l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura u fuq popolazzjonijiet ta' speċijiet sensittivi oħra; huwa tal-fehma li l-qafas regolatorju għandu l-għodod meħtieġa biex jippermetti titjib, minħabba l-istat lokali tal-ispeċijiet sensittivi; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw, fost l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu, il-possibbiltajiet kollha previsti fid-Direttiva dwar l-Għasafar u fid-Direttiva dwar il-Ħabitats biex jiffaċilitaw aħjar il-ġestjoni attiva u effettiva tal-popolazzjoni u jappoġġjaw il-ġestjoni bbażata fuq l-ekosistema;

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-approċċi tal-ġestjoni tas-sajd tal-UE jkunu allinjati mal-PKS, mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u mal-impenji internazzjonali tal-UE bħall-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal; jisħaq, f'dan ir-rigward, li għandhom jittieħdu azzjonijiet biex jitwaqqaf it-tnaqqis ta' speċijiet sensittivi fl-ekosistemi tal-baħar tal-UE, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni xierqa u l-protezzjoni tal-ħabitats;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) biex tnaqqas u, fejn possibbli, telimina l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet sensittivi u tirrestrinġi l-kummerċ u l-importazzjoni ta' prodotti tal-frott tal-baħar u ssaħħaħ il-miżuri kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, inkluż permezz ta' kontroll doganali mtejjeb u kollaborazzjoni mas-sħab tal-RFMO;

L-ispeċijiet invażivi: theddid għall-oċeani u għall-ekonomija tagħna

20. Jissottolinja li l-ispeċijiet aljeni invażivi jheddu s-sajd u l-akkwakultura, il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar indiġeni, u b'hekk jaffettwaw l-għajxien u l-introjtu tas-sajjieda u tal-komunitajiet kostali;

21. Jenfasizza l-kontribut vitali tas-sajd kostali fuq skala żgħira għall-ekonomiji lokali u għas-sigurtà alimentari tal-UE, filwaqt li jenfasizza li dawn jiffaċċjaw theddid dejjem akbar minn fatturi ta' stress ambjentali bħal speċijiet invażivi u t-tibdil fil-klima, inkluż il-moviment massiv ta' ċerti speċijiet, b'mod partikolari minħabba t-tisħin tal-ilmijiet, fenomenu li jikkawża ħafna telf, b'mod partikolari għall-bdiewa tal-frott tal-baħar bil-qoxra, li huma ppenalizzati doppjament minn tnaqqis fil-produzzjoni u żieda fil-kostijiet marbuta mal-predazzjoni;

22. Ifakkar li fl-UE, 88 speċi aljena invażiva huma strettament regolati, inklużi 47 speċi ta' annimali u 41 speċi ta' pjanti li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni;

23. Jiddispjaċih għall-fatt li l-lista attwali ta' speċijiet ta' tħassib għall-Unjoni ma tirrikonoxxix għal kollox it-theddida tal-ispeċijiet aljeni invażivi għas-sajd, għall-akkwakultura u għall-ambjent tal-baħar tal-UE, minħabba l-fatt li attwalment żewġ speċijiet tal-baħar biss (Plotosus lineatus u Rugulopteryx okamurae) huma inklużi fil-lista, flimkien ma' ċerti speċijiet li jinstabu f'ambjenti salmastri; jappella biex din il-lista titjieb abbażi ta' pariri xjentifiċi u valutazzjonijiet tar-riskju aġġornati;

24. Jirrimarka li jeħtieġ ikun hemm ġestjoni xierqa tal-ispeċijiet u jinnota bi tħassib iż-żieda fil-preżenza tal-ispeċijiet f'ċerti reġjuni, bħal:

    (a) il-gajdra tal-Paċifiku u l-ispeċijiet aljeni taċ-ċkal fin-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana, b'mod partikolari tul il-kosta Netherlandiża;

    (b) il-mazzun iswed, li jaffettwa l-ekosistema u speċifikament jhedded il-gambli, il-pixxiċatt u l-mazzuni nattivi speċjalment madwar l-ilmijiet tal-Baħar tat-Tramuntana;

    (c) il-granċ ikħal, il-granċ *Hemigrapsus takanoi*, il-bram *Mnemiopsis leidyi* u l-bram *Gonionemus vertens* fil-Grigal tal-Atlantiku;

    (d) il-lionfish *Pterois miles*, il-ħuta *Fistularia commersonii* u l-ħuta *Lagocephalus sceleratus*, madwar il-Greċja u Ċipru;

    (e) it-tamal żebra (*Dreissena polymorpha*), introdott fl-Ebro, u l-pixxigatt (*Silurus glanis*), fi Spanja;

    (f) l-alka Asjatika *Rugulopteryx okamurae*, b'mod partikolari fil-Punent tal-Mediterran;

25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' monitoraġġ reġjonali u speċifiċi għall-ispeċijiet, inklużi strateġiji kkoordinati ta' twissija bikrija u ta' rispons għall-ispeċijiet aljeni li jaffettwaw il-ħabitats ekonomikament rilevanti;

26. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' programmi ta' monitoraġġ speċifiċi għall-ispeċijiet aljeni invażivi tal-baħar, u jappella għal metodi ta' monitoraġġ imtejba, kif ukoll għal żieda fl-appoġġ tekniku u finanzjarju, b'mod partikolari għar-reġjuni ultraperiferiċi li jirrikjedu finanzjament addizzjonali speċifiku minħabba l-bijodiversità unika u l-qagħda mbiegħda tagħhom;

27. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti metodoloġija u valuri li jistabbilixxu l-limiti massimi għar-reġjuni u s-subreġjuni tal-baħar Ewropej kollha, filwaqt li jitqiesu l-impatt fuq is-sajd u fuq l-akkwakultura, il-kapaċità li jiġu ġestjonati l-perkorsi u l-ħtieġa li l-flotot tas-sajd tal-UE u dawk li mhumiex tal-UE jiġu kkontrollati b'mod strett, filwaqt li l-ispeċijiet invażivi jkunu fil-mira, u li tiġi infurzata l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Kontroll u l-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra u tas-Sedimenti tal-Bastimenti u li jiġu applikati linji gwida dwar l-inkrostazzjoni bijoloġika tal-bastimenti;

28. Jenfasizza r-rabtiet potenzjali bejn l-ispeċijiet aljeni invażivi introdotti fl-ekosistemi tal-art u tal-ilma ħelu u dawk fl-oċeani u fl-ibħra, u l-impatt tagħhom fuq is-sajd u l-akkwakultura; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija komprensiva biex tindirizza din il-kwistjoni;

29. Jisħaq li approċċ ta' ġestjoni olistiku, preventiv u bbażat fuq perkorsi ta' diversi vetturi huwa prijorità assoluta fil-prevenzjoni effettiva tal-

introduzzjoni tal-ispeċijiet aljeni invażivi tal-baħar u fl-indirizzar tat-tixrid tagħhom u tal-kawżi ewlenin tal-proliferazzjoni tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-użu tal-analiżi tal-prospettivi u tekniki ġodda bħall-eDNA, l-intelliġenza artifiċjali u l-monitoraġġ awtomatizzat, kif ukoll l-involviment tas-sajjieda, tas-sajjieda bil-qasba, tal-komunitajiet kostali u tax-xjenza taċ-ċittadini bħala għodod u riżorsi biex jiġu identifikati speċijiet aljeni invażivi ġodda, emerġenti u ta' riskju għoli għas-sajd u għall-akkwakultura u biex tingħatalhom prijorità; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tapplika dan l-approċċ integrat fl-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għall-Oċeani biex tiżgura azzjoni koordinata fis-setturi u fl-Istati Membri kollha;

30. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-komunikazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni, b'mod partikolari f'żoni transfruntiera, filwaqt li jingranaw il-bijosigurtà sabiex jimplimentaw miżuri għad-detezzjoni bikrija u għall-qerda rapida tal-ispeċijiet aljeni invażivi tal-baħar, u biex l-ispeċijiet li diġà nfirxu ħafna jiġu ġestiti; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tikkoopera mal-Istati Membri biex testendi dawn l-azzjonijiet permezz ta' kollaborazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE li jikkondividu l-istess baċir tal-baħar;

31. Jirrakkomanda aktar kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet xjentifiċi u l-aġenziji tal-UE biex jittejbu t-trasferiment tal-għarfien u r-riċerka applikata dwar it-tixrid, l-impatt u l-kontroll tal-ispeċijiet tal-baħar invażivi;

32. Jissottolinja li l-Baħar Mediterran, li, skont l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura, qed jisħon 20 % aktar malajr mill-bqija tad-dinja, huwa hotspot partikolari, li fih aktar speċijiet aljeni invażivi minn kwalunkwe baħar ieħor globalment, b'impatti negattivi sinifikanti fuq l-ekosistemi tal-baħar u fuq is-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, u b'hekk jirrikjedi attenzjoni partikolari; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jallokaw riżorsi addizzjonali u jistabbilixxu miżuri urġenti biex iwaqqfu t-tixrid ta' dawn l-ispeċijiet f'dan il-baċir tal-baħar;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran fl-inizjattivi ta' monitoraġġ xjentifiku u fil-proġetti pilota tagħha biex tindirizza l-isfidi tal-ispeċijiet tal-baħar invażivi;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel disponibbli finanzjament speċifiku, fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u programmi baġitarji oħra, biex tappoġġja r-riċerka dwar l-ispeċijiet invażivi u l-prevenzjoni u l-qerda tagħhom jew, fejn il-qerda ma tkunx fattibbli, il-ġestjoni tat-tixrid tagħhom u l-irkupru mill-impatt tat-tixrid, f'kooperazzjoni mas-sajjieda, l-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet xjentifiċi; jafferma mill-ġdid it-twemmin tiegħu li tali finanzjament għandu jkun disponibbli fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;

35. Jenfasizza l-importanza tas-Sistema ta’ Notifika EASIN, b’mod partikolari biex jiġu rrapportati fil-ħin u b’mod komprensiv detezzjonijiet ġodda, miżuri ta’ qerda u detezzjonijiet ta’ kontroll uffiċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu s-sistema billi jipprovdu informazzjoni addizzjonali, b’mod partikolari data ta’ distribuzzjoni, partikolarment bil-kontribut ta’ informazzjoni mis-sajjieda, mill-produtturi tal-akkwakultura u minn partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kollha;

36. Ifakkar fid-dimensjoni internazzjonali tal-ispeċijiet aljeni invażivi u jissuġġerixxi li l-UE ssaħħaħ l-azzjonijiet tagħha f’dan ir-rigward, bl-użu tal-fora internazzjonali kollha disponibbli u, b’mod partikolari, l-RFMOs, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta’ Kunming-Montreal; jistieden lill-UE ttejjeb il-kondiviżjoni kollaborattiva tal-għarfien u l-iskambji ta’ tagħlim reċiproku ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u ma’ pajjiżi mhux tal-UE;

37. Jissottolinja l-potenzjal għal kollaborazzjoni ma’ pajjiżi mhux tal-UE li jikkondividu l-istess baċir tal-baħar, inkluż permezz tal-RFMOs, biex jikkondividu l-aħjar prattika, jingranaw l-investiment u jistabbilixxu għanijiet kollettivi bil-għan li jindirizzaw l-impatt tal-ispeċijiet aljeni invażivi;

L-opportunitajiet u l-isfidi għall-komunitajiet kostali

38. Jisħaq li l-ispeċijiet aljeni invażivi għandhom impatti negattivi sinifikanti fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, fuq l-attivitajiet tal-ekonomija blu, inklużi s-sajd u l-akkwakultura, u fuq attivitajiet ekonomiċi oħra mhux relatati mal-baħar u fuq il-komunitajiet kostali u s-soċjetà kollha kemm hi; iqis li huwa kruċjali li jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi soċjali, ekonomiċi u kulturali usa’ tal-ispeċijiet aljeni invażivi, lil hinn mit-telfien tal-bijodiversità u l-effetti fuq l-ekosistemi, sabiex jiġu evitati b’mod effettiv invażjonijiet ġodda u jiġu implimentati miżuri ta’ mitigazzjoni b’suċċess;

39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa indikatur iddedikat għal speċijiet sensittivi u invażivi fl-ibħra tal-UE, filwaqt li tqis listi bħal-Lista l-Ħamra tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura u tar-Riżorsi Naturali (IUCN), li għandhom jiġu inklużi fil-pubblikazzjonijiet relatati mal-SDGs tal-Eurostat, biex jiġu mmonitorjati aħjar it-tixrid, u l-isforzi ta’ konservazzjoni u sforzi oħra ta’ ġestjoni;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-finanzjament għar-riċerka dwar l-ispeċijiet aljeni invażivi u dwar soluzzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent għall-ġestjoni u għall-kontroll sostenibbli tagħhom fi proġetti futuri ta’ programmi Ewropej ta’ riċerka u ta’ innovazzjoni;

41. Jissottolinja l-importanza li jiġu appoġġjati l-operaturi tas-sajd u tal-akkwakultura li huma affettwati, permezz ta' skemi ta' kumpens u fondi ta' adattament, f'konformità mad-dispożizzjonijiet finanzjarji eżistenti, speċjalment f'żoni li qed jiffaċċjaw telf ekonomiku dirett minħabba speċijiet invażivi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu pprovduti inċentivi finanzjarji u regolatorji mmirati biex jiġu stimulati attivitajiet immirati ta' qbid u tneħħija mis-sajjieda lokali għall-ispeċijiet invażivi fl-ilmijiet kostali u fil-passaġġi fuq l-ilma interni, bħala mezz biex titnaqqas il-pressjoni ekoloġika filwaqt li jiġi appoġġjat l-għajxien lokali; jissottolinja r-rwol possibbli li l-iskemi tal-assigurazzjoni jista' jkollhom biex jindirizzaw il-kwistjoni, b'mod partikolari l-konsegwenzi għall-bdiewa tal-frott tal-baħar bil-qoxra, għall-produtturi tal-akkwakultura u għas-sajjieda;

42. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżviluppaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex jinfurmaw u jinvolvu lis-sajjieda, lil dawk li jrabbu l-ħut u l-frott tal-baħar bil-qoxra, lill-partijiet ikkonċernati fis-settur tas-sajd, inklużi s-sajjieda bil-qasba, u lill-pubbliku ġenerali dwar l-introduzzjoni, id-detezzjoni u l-impatti tal-ispeċijiet aljeni invażivi, l-effetti tagħhom fuq l-ambjent u fuq l-ekonomija, u modi kif jiġu minimizzati r-riskji maħluqa mill-introduzzjoni u mit-tixrid tagħhom;

43. Jirrakkomanda, fejn fattibbli, l-iżvilupp ta' programmi mmirati lejn speċijiet invażivi li għandhom l-għan li jtejbu l-kontroll tal-popolazzjoni u jipprovdu opportunitajiet ta' kumpens għas-sajjieda;

44. Iqis li l-ġestjoni tal-ispeċijiet aljeni invażivi tista' tipprovdi opportunitajiet għal introjtu temporanju addizzjonali permezz tal-innovazzjoni applikata biex jiġu ġġenerati prodotti b'valur miżjud bħal bijofertilizzanti u sottostrati agrikoli li jappoġġjaw il-kontroll ta' dawk l-ispeċijiet, u, fejn possibbli, il-qerda tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiffinanzja r-riċerka u t-trasferiment tat-teknoloġija f'dan il-qasam;

45. Jisħaq li, meta l-eradikazzjoni tal-ispeċijiet invażivi ma tkunx fattibbli, l-isfruttament tal-ispeċijiet invażivi għall-konsum mill-bniedem jista' jipprovdi introjtu temporanju addizzjonali għas-sajjieda u jikkontribwixxi għall-ġid li jkun ta' benefiċċju għall-ekonomiji lokali fl-UE;

46. Jilqa' l-użu ekonomiku temporanju ta' xi speċijiet aljeni invażivi, bħall-alka, għal skopijiet alimentari u dawk mhux alimentari; jirrimarka li tali skopijiet, minbarra l-alimentazzjoni għall-konsum mill-bniedem, jistgħu jinkludu l-għalf tal-annimali u tal-ħut, il-farmaċewtiċi, l-imballaġġ, il-kożmetiċi jew il-bijofjuwils;

47. Itenni li l-għan aħħari huwa dejjem il-qerda tal-ispeċijiet aljeni invażivi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li d-dipendenza ekonomika fuq l-isfruttament tal-ispeċijiet aljeni invażivi għandha dejjem tkun

temporanja jew sekondarja u li m'għandhiex tinkoraġġixxi t-tixrid jew it-tqegħid fis-suq ta' dawk l-ispeċijiet;

48. Jappella għal appoġġ finanzjarju akbar u ddedikat biex jittejbu l-ġestjoni u l-protezzjoni effettivi tal-għajxien kostali u tal-ekosistemi tal-baħar u l-konservazzjoni ta' speċijiet sensittivi, u għal sistemi ta' informazzjoni, monitoraġġ u twissija bikrija għall-ispeċi uniċi invażivi fil-livelli reġjonali, nazzjonali u tal-UE, fid-dawl tal-impatt pożittiv ta' tali appoġġ fuq is-sajd, il-bijodiversità u l-ekosistemi;

49. Jinsisti li l-qafas finanzjarju pluriennali futur jinkludi finanzjament biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-flotta tas-sajd fid-dawl ta' sfidi bħaż-żieda fl-ispejjeż, it-telf ta' żoni tas-sajd u l-impatt ta' speċijiet invażivi; iqis li hija prijorità li jittejjeb l-aċċess tas-sajjieda għar-riżorsi finanzjarji biex jimmodernizzaw il-bastimenti tagħhom, jiddiġitalizzaw l-operazzjonijiet tagħhom u jiddiversifikaw is-sorsi ta' introjtu tagħhom;

50. Ifakkar lill-Kummissjoni li r-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer u ż-żoni kostali jservu bħala żoni importanti ta' sikurezza għall-ispeċijiet tal-baħar sensittivi, filwaqt li huma wkoll vulnerabbli ħafna għall-ispeċijiet aljeni invażivi; jappella biex tiġi rikonoxxuta l-importanza li jiġu protetti dawn l-ispeċijiet sensittivi u li jiġu miġġielda l-ispeċijiet aljeni invażivi f'dawn ir-reġjuni, jiġifieri permezz tal-ħolqien ta' programm ta' għażliet għas-sajd lokali li huma speċifiċi għaż-żoni remoti u insulari; jenfasizza l-potenzjal tal-ekoturiżmu sostenibbli bħala mezz biex jiġu pprovduti opportunitajiet ta' diversifikazzjoni, filwaqt li tiġi ppreservata l-bijodiversità unika ta' dawk ir-reġjuni u jiġu pprovduti benefiċċji diretti lis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura;

°

° °

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.